31 ta' Awwissu 2019
89/2019

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA F'SETTEMBRU 2019**

Il-Ħadd, 1 ta' Settembru, fil-11:00 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar.

Is-Sibt, 7 ta' Settembru, fis-6:00 p.m., lejlet il-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija, Monsinjur Arċisqof imexxi Traslazzjoni tar-relikwa u wara jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

Il-Ħadd 8 ta' Settembru, fl-10:00 a.m., festa tat-Twelid tal-Verġni Marija, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Kappella tat-Twelid tal-Verġni Marija, fil-Forti Sant'Anġlu, il-Birgu.

Is-Sibt 21 ta' Settembru, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Pontifikali f'Jum l-Indipendenza, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar live fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ħadd 22 ta' Settembru, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Madonna tal-Mellieħa, fil-bitħa tas-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Il-Ħadd 29 ta' Settembru, fil-11:00 a.m. Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-Istitut Adelaide Cini, Sta Venera.